

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/905**tal-25 ta' Ġunju 2018****li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/819/PESK⁽¹⁾ li taħtar lis-Sur Alexander RONDOS bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Qarn tal-Afrika. Il-mandat tar-RSUE jiskadi fl-20 ta' Ġunju 2018.
- (2) Jenħtieġ li l-mandat tar-RSUE jiġi estiż għal perijodu ulterjuri ta' 20 xahar.
- (3) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

1. Il-mandat tas-Sur Alexander RONDOS bħala r-RSUE għall-Qarn tal-Afrika huwa estiż sad-29 ta' Frar 2020. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jiġi terminat qabel, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).

2. Għall-finijiet tal-mandat tar-RSUE, il-Qarn tal-Afrika huwa ddefinit li jikkonsisti mir-Repubblika ta' Djibouti, l-Istat tal-Eritrea, ir-Repubblika Demokratika Federali tal-Etjopja, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika Federali tas-Somalja, ir-Repubblika tas-Sudan, ir-Repubblika tas-Sudan t'Isfel u r-Repubblika tal-Uganda. Fir-rigward ta' kwistjonijiet b'implikazzjonijiet reġjonali aktar estensivi, ir-RSUE għandu jfittex kuntatti ma' pajjiżi u entitajiet reġjonali lil hinn mill-Qarn tal-Afrika, kif adatt.

*Artikolu 2***Oġġettivi tal-politika**

1. Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni relattivament għall-Qarn tal-Afrika, kif stabbiliti fl-Istrateġija Globali tal-UE ta' Ġunju 2016, il-Qafas Strateġiku tagħha għall-Qarn tal-Afrika adottat fl-14 ta' Novembru 2011, il-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għall-Qarn tal-Afrika 2015-2020, adottat fis-26 ta' Ottubru 2015, u f'konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill, jiġifieri li tikkontribwixxi b'mod attiv għall-isforzi reġjonali u internazzjonali għall-kisba ta' koeżistenza paċifika u paċi, sigurtà u żvilupp dejjiema fi ħdan u bejn il-pajjiżi fir-reġjun. Ir-RSUE għandu jikkontribwixxi wkoll biex isaħħaħ il-kwalità, l-intensità, l-impatt u l-viżibbiltà tal-impenn tal-Unjoni f'diversi aspetti fil-Qarn tal-Afrika.

2. L-oġġettivi tal-politika li għalihom għandu jikkontribwixxi r-RSUE għandhom jinkludu, fost oħrajn:

- (a) il-kontinwazzjoni tal-istabbilizzazzjoni tal-Qarn tal-Afrika, b'konsiderazzjoni tad-dinamika reġjonali usa';
- (b) ir-riżoluzzjoni ta' konflitti, speċifikament dawk fis-Somalja, is-Sudan t'Isfel u s-Sudan, u l-prevenzjoni u t-twissija bikrija ta' konflitti potenzjali bejn il-pajjiżi fir-reġjun jew fl-intern tagħhom;

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/819/PESK tat-8 ta' Diċembru 2011 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika (ĠU L 327, 9.12.2011, p. 62).

- (c) appoġġ għall-kooperazzjoni reġjonali politika, ekonomika u ta' sigurtà, b'mod partikolari fil-kuntest ta' impenn politiku mġedded bejn l-Unjoni u l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD);
- (d) ġestjoni mtejbja ta' flussi migratorji mħallta mill-Qarn tal-Afrika u fl-intern tiegħu, filwaqt li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali ta' tali flussi u l-aspetti umanitarji tagħhom;
- (e) sigurtà madwar il-Baħar l-Aħmar.

Artikolu 3

Mandat

1. Sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni relattivament għall-Qarn tal-Afrika, il-mandat tar-RSUE għandu jkun li:
 - (a) abbażi tal-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali tagħha, ikollu kuntatti mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fir-reġjun, il-gvernijiet, l-awtoritajiet reġjonali, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, is-soċjetà ċivili u d-dijaspori, bil-ħsieb li jiġu promossi l-oġġettivi tal-Unjoni, u jikkontribwixxi għal fehim aħjar tar-rwol tal-Unjoni fir-reġjun;
 - (b) ikollu kuntatti ma' atturi ewlenin barra r-reġjun b'influenza fil-Qarn tal-Afrika, fl-interessi li jindirizza kwistjonijiet ta' stabbiltà reġjonali usa', inkluż fir-rigward tal-Baħar l-Aħmar, tal-Punent tal-Oċean Indjan u tal-finanzjament tal-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM). Dawk il-kuntatti għandhom jinkludu impenn bilaterali mal-Istati Uniti tal-Amerika, il-pajjiżi tal-Golf, l-Eġittu, it-Turkija u ċ-Ċina, kuntatti reġjonali mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, u interazzjoni ma' atturi rilevanti oħra hekk kif dawn jitfaċċaw;
 - (c) jirrappreżenta lill-Unjoni f'fora internazzjonali rilevanti, kif adatt, u jiżgura l-viżibbiltà għall-appoġġ tal-Unjoni fil-ġestjoni ta' kriżijiet, kif ukoll fir-riżoluzzjoni u l-prevenzjoni tal-konflitti;
 - (d) iħeġġeġ u jappoġġa l-kooperazzjoni politika u tas-sigurtà u l-integrazzjoni ekonomika effettivi fir-reġjun permezz tas-sħubija tal-Unjoni mal-Unjoni Afrikana (UA) u l-organizzazzjonijiet reġjonali, b'mod partikolari l-IGAD; jikkontribwixxi għas-segwitu għal-laqgħat ministerjali tal-UE/IGAD u laqgħat ministerjali informali tal-UE mal-pajjiżi membri tal-IGAD;
 - (e) isegwi l-iżviluppi politiċi fir-reġjun u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni lejn ir-reġjun, bil-ħsieb li jiġu fformulati proposti konkreti għall-azzjoni, inkluż fir-rigward tal-Eritrea, l-Etjopja, is-Somalja, is-Sudan, is-Sudan t'Isfel u l-Eritrea, it-tilwima dwar il-fruntiera Djibouti-Eritrea, it-tilwima dwar il-fruntiera bejn l-Etjopja u l-Eritrea, l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Alġeri, it-tilwima dwar in-Nil, u tħassib ieħor f'dak ir-reġjun li għandu impatt fuq is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prospertà tiegħu;
 - (f) fir-rigward tas-Somalja, u billi jaħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni għas-Somalja u s-sħab reġjonali u internazzjonali rilevanti, inklużi r-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għas-Somalja, l-UA u l-IGAD, ikompli jikkontribwixxi b'mod attiv għal azzjonijiet u inizjattivi li jwasslu għal stabbilizzazzjoni ulterjuri għas-Somalja, b'mod partikolari t-tlestija tal-proċess tal-formazzjoni ta' stat federali u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Transizzjoni sabiex jindew t-transizzjoni u t-trasferiment gradwali tar-responsabbiltajiet mill-AMISOM għall-gvern u l-istituzzjonijiet tas-Somalja. Barra minn hekk, ir-RSUE għandu jkompli jappoġġa l-iżvilupp tas-settur tas-sigurtà fis-Somalja, inkluż permezz tal-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-Unjoni stazzjonati fir-reġjun, u jaħdem għal tisħiħ fil-koordinazzjoni ta' donaturi internazzjonali biex jappoġġaw is-settur tas-sigurtà fis-Somalja, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' Stati Membri;
 - (g) fir-rigward tas-Sudan, u billi jaħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-Unjoni f'Khartoum u għall-UA f'Addis Ababa, jikkontribwixxi għall-koerenza u l-effettività tal-politika tal-Unjoni lejn is-Sudan u jappoġġa soluzzjonijiet politiċi għas-sitwazzjoni f'Darfur, il-Kordofan tan-Nofsinhar u l-Blue Nile, u rikonċiljazzjoni nazzjonali permezz ta' proċess politiku olistiku inkluż lejn elezzjonijiet ippjanati fl-2020. F'dak ir-rigward, ir-RSUE għandu jikkontribwixxi għal approċċ internazzjonali koerenti mal-UA u b'mod partikolari l-Grupp ta' Implimentazzjoni ta' Livell Għoli tal-UA għas-Sudan u s-Sudan t'Isfel, in-NU u partijiet ikkonċernati reġjonali u internazzjonali ewlenin oħra, filwaqt li jżomm f'moħħu wkoll il-ħtieġa ta' appoġġ għall-koeżistenza paċifika tas-Sudan u s-Sudan t'Isfel, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Addis u r-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet pendenti wara l-Ftehim Komprensiv ta' Paċi;
 - (h) fir-rigward tas-Sudan t'Isfel, bl-iskop ta' żvilupp taħt il-Ftehim dwar ir-Riżoluzzjoni tal-Konflitt fis-Sudan t-Isfel u l-proċess tal-Forum ta' Rivitalizzazzjoni ta' Livell Għoli, ikompli jimpenja ruħu fl-livell reġjonali, b'mod partikolari man-NU, l-UA, l-IGAD, il-ġirien tas-Sudan t'Isfel u sħab internazzjonali ewlenin oħra, biex jiġu żgurati l-prevenzjoni ta' konflitti ulterjuri u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe ftehim possibbli; f'dak ir-rigward ir-RSUE għandu jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni f'Juba u għall-UA f'Addis Ababa;

- (i) jeżamina l-isfidi transfruntieri b'mod partikolari dwar il-migrazzjoni u, fuq talba, jipparteċipa fi djalogi dwar il-migrazzjoni ma' partijiet interessati rilevanti u jikkontribwixxi b'mod aktar ġenerali lejn il-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u r-refuġjati fir-rigward tar-reġjun, f'konformità mal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sabiex tiżdied il-kooperazzjoni, inkluż dwar ir-ritorn u r-riammissjoni;
 - (j) isegwi mill-qrib sfidi transfruntieri oħra li jolqtu l-Qarn tal-Afrika, b'enfasi fuq ir-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu, iżda jħares ukoll lejn is-sigurtà u l-piraterija marittima, il-kriminalità organizzata, il-kuntrabandu u t-traffikar ta' armi, ta' prodotti mill-annimali selvaġġi, ta' drogi u kuntrabandu ieħor, u kwalunkwe konsegwenza politika u ta' sigurtà tal-kriżijiet umanitarji;
 - (k) jippromovi l-aċċess umanitarju madwar ir-reġjun;
 - (l) jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK ⁽¹⁾ u l-politika tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, f'kooperazzjoni mar-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi l-Linji Gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Linji Gwida tal-UE dwar it-tfal u l-konflitt armat, kif ukoll il-Linji Gwida tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom, u l-politika tal-Unjoni dwar ir-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inkluż permezz ta' monitoraġġ u rappurtar dwar l-iżviluppi kif ukoll l-ifformular ta' rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward.
2. Għall-fini tat-tweqqif tal-mandat, ir-RSUE għandu, fost oħrajn:
- (a) jagħti pariri u jirrapporta dwar id-definizzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Unjoni fil-fora internazzjonali, kif adatt, sabiex jippromovi b'mod proattiv l-approċċ ta' politika komprensiv tal-Unjoni lejn il-Qarn tal-Afrika;
 - (b) iżomm viżjoni globali tal-attivitajiet kollha tal-Unjoni.

Artikolu 4

Implimentazzjoni tal-mandat

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-mandat, taħt l-awtorità tar-RGħ.
2. Il-KPS għandu jżomm kollegament privileġġat mar-RSUE u għandu jkun il-punt primarju ta' kuntatt tar-RSUE mal-Kunsill. Il-KPS għandu jipprovdi gwida strateġika u direzzjoni politika lir-RSUE fil-qafas tal-mandat, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-RGħ.
3. Ir-RSUE għandu jaħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u d-dipartimenti rilevanti tiegħu.
4. Ir-RSUE għandu jkun primarjament ibbażat fir-reġjun waqt li jiżgura preżenza regolari fil-kwartieri ġenerali tas-SEAE.

Artikolu 5

Finanzjament

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2018 sad-29 ta' Frar 2020 għandu jkun ta' EUR 4 295 000.
2. In-nefqa għandha tiġi amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.
3. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jagħti rendikont lill-Kummissjoni għal kull nefqa.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali u li tassar il-Pożizzjoni Komuni 2003/444/PESK (ĠU L 76, 22.3.2011, p. 56)

Artikolu 6

Formazzjoni u kompożizzjoni tat-tim

1. Fil-limiti tal-mandat tar-RSUE u l-mezzi finanzjarji korrispondenti li jsiru disponibbli, ir-RSUE għandu jkun responsabbli mill-formazzjoni ta' tim. It-tim għandu jinkludi l-kompetenza esperta dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' politika u ta' sigurtà kif meħtieġ mill-mandat, inkluż id-dimensjoni tal-ġeneru. Ir-RSUE għandu jinforma fil-pront u regolarment lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-kompożizzjoni tat-tim.
2. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u s-SEAE jistgħu jipproponu l-issekondar ta' persunal biex jaħdem mar-RSUE. Is-salarju ta' tali persunal issekondat għandu jkun kopert mill-Istat Membru, mill-istituzzjoni kkonċernata tal-Unjoni jew mis-SEAE, rispettivament. L-esperti ssekondati mill-Istati Membri mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mas-SEAE jistgħu wkoll jiġu assenjati biex jaħdmu mar-RSUE. Il-persunal kuntrattat internazzjonali għandu jkollu ċittadinanza ta' Stat Membru.
3. Il-persunal sekondat kollu għandu jibqa' taħt l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru li jissekonda, tal-istituzzjoni tal-Unjoni li tissekonda jew tas-SEAE, u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-mandat tar-RSUE.
4. Il-persunal tar-RSUE għandu jitqiegħed fl-istess post li fih jinsabu d-dipartimenti rilevanti tas-SEAE jew mad-delegazzjonijiet tal-Unjoni sabiex ikunu żgurati l-koerenza u l-konsistenza tal-attivitajiet rispettivi tagħhom.

Artikolu 7

Privileġġi u immunitajiet tar-RSUE u tal-persunal tar-RSUE

Il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji oħra meħtieġa għat-tweittiq u l-funzjonament regolari tal-missjoni tar-RSUE u l-membri tal-persunal tar-RSUE għandhom jiġu miftehmin mal-pajjiż ospitanti, kif adatt. L-Istati Membri u s-SEAE għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal dan il-għan.

Artikolu 8

Sigurtà ta' informazzjoni klassifikata tal-UE

Ir-RSUE u l-membri tat-tim tar-RSUE għandhom jirrispettaw il-prinċipji u l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE⁽¹⁾.

Artikolu 9

Aċċess għal informazzjoni u appoġġ loġistiku

1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni, is-SEAE u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiżguraw li jingħata aċċess lir-RSUE għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti.
2. Id-delegazzjonijiet tal-Unjoni fir-reġjun u/jew l-Istati Membri, kif adatt, għandhom jipprovdu appoġġ loġistiku fir-reġjun.

Artikolu 10

Sigurtà

F'konformità mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà ta' persunal stazzjonat barra l-Unjoni f'kapaċità operattiva taħt it-*Titlu V* tat-Trattat, ir-RSUE għandu jieħdu l-miżuri raġonevolment prattikabbli kollha, skont il-mandat tar-RSUE u s-sitwazzjoni tas-sigurtà fiż-żona ta' responsabbiltà, għas-sigurtà tal-persunal kollu taħt l-awtorità diretta tar-RSUE, b'mod partikolari billi:

- (a) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà speċifiku bbażat fuq gwida mis-SEAE, li jinkludi miżuri ta' sigurtà fiżiċi, organizzattivi u proċedurali speċifiċi, li jirregolaw il-ġestjoni tal-moviment sigur tal-persunal lejn iż-żona ta' responsabbiltà u għewwa fiha, kif ukoll il-ġestjoni ta' inċidenti ta' sigurtà u li jipprevedu pjan ta' kontinġenza u ta' evakwazzjoni;

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

- (b) jiżgura li l-persunal kollu stazzjonat barra l-Unjoni jkun kopert b'assigurazzjoni ta' riskju għoli, kif ikunu jeħtieġu l-kundizzjonijiet fiż-żona ta' responsabbiltà;
- (c) jiżgura li l-membri kollha tat-tim tar-RSUE li jkunu ser jiġu stazzjonati barra l-Unjoni, inkluż persunal kuntrattat lokalmment, ikunu rċevew taħriġ adatt ta' sigurtà qabel, jew kif, jaslu fiż-żona ta' responsabbiltà, abbażi tal-livelli tar-riskju assenjati li dik iż-żona mis-SEAE;
- (d) jiżgura li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet miftehmin kollha li jkunu saru wara valutazzjonijiet regolari ta' sigurtà u jipprovdi lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni rapporti bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħra ta' sigurtà fil-qafas tar-rapport ta' progress u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-mandat.

Artikolu 11

Rappurtar

Ir-RSUE għandu jipprovdi regolarment rapporti bil-fomm u bil-miktub lir-RGħ u lill-KPS. Ir-RSUE għandu wkoll jirrapporta skont il-ħtieġa lill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill. Ir-rapporti regolari għandhom jiġu ċċirkolati permezz tan-netwerk COREU. Ir-RSUE jista' jipprovdi rapporti lill-Kunsill tal-Affarijiet Barranin. F'konformità mal-Artikolu 36 tat-Trattat, ir-RSUE jista' jkun involut fl-ġhoti ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew.

Artikolu 12

Koordinazzjoni

1. Ir-RSUE għandu jikkontribwixxi għall-unità, il-konsistenza u l-effikaċja tal-azzjonijiet tal-Unjoni u għandu jgħin biex jiġi żgurat li l-istrumenti kollha tal-Unjoni u l-azzjoni tal-Istati Membri jiġu impenjati b'mod konsistenti, biex jinkisbu l-oġettivi tal-politika tal-Unjoni. Għandhom jintalbu kuntatti mal-Istati Membri fejn xieraq. L-attivitajiet tar-RSUE għandhom jiġu kkoordinati ma' daww tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u tal-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jipprovdi regolarment informazzjoni lill-missjonijiet tal-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fir-reġjun.

2. Fuq il-post, għandu jinżamm kollegament mill-qrib mal-Kapijiet rilevanti tal-missjonijiet tal-Istati Membri u mal-Kapijiet rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni. Dawn għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jassistu lir-RSUE fl-implimentazzjoni tal-mandat. Ir-RSUE, f'koordinazzjoni mill-qrib mad-delegazzjonijiet rilevanti tal-Unjoni, għandu jipprovdi gwida politika lokali lill-Kmandant tal-Forza tal-EUNAVFOR Atalanta, lill-Kmandant tal-Missjoni tal-EUTM Somalia u lill-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Somalia. Ir-RSUE, il-Kmandanti tal-Operazzjoni tal-UE u l-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ.

3. Ir-RSUE għandu jikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet tal-pajjiżi involuti, man-NU, mal-UA, mal-IGAD, ma' partijiet ikkonċernati nazzjonali, reġjonali u internazzjonali oħra, kif wkoll mas-soċjetà ċivili fir-reġjun.

Artikolu 13

Assistenza rigward pretensjonijiet

Ir-RSUE u l-persunal tar-RSUE għandhom jassistu fil-forniment ta' elementi b'rispons għal kwalunkwe pretensjoni u obbligu li jirriżultaw mill-mandati tar-RSUE preċedenti fis-Sudan (u s-Sudan t'Isfel), u għandhom jipprovdu assistenza amministrattiva u aċċess għall-fajls rilevanti għal tali għanijiet.

Artikolu 14

Reviżjoni

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħrajn mill-Unjoni għar-reġjun għandhom jiġu riveduti regolarment. Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni rapport dwar il-progress sal-31 ta' Ottubru 2018 u rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-mandat sat-30 ta' Novembru 2019.

*Artikolu 15***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ġunju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI
